MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2464/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Bradley u l-istess Paul Bradley**

**Vs**

**Johnnie Wenzu Micallef**

## It-Tribunal

Ra illi permezz t'Avviz l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma t'erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm466.26c) u dan kwantu ghal tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm391.26c) lis-socjeta' attrici u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) li gew minnhom sborzati bhala danni in konsegwenza t' incident awtomobilistiku li gara f'Burmarrad, San Pawl il-Bahar fit-3 ta' Marzu 2002 waqt li l-konvenut kien qed isuq

*motorcycle* LCA 163 habat mal-vettura BOR 057 proprjeta' tal-attur Paul Bradley u misjuqa minnu ghall-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

L-atturi talbu oltre l-imsemmija danni li l-konvenut ihallas l-ispejjez t'ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2002, dawk t'ittra ufficjali b'zewg notifiki pprezentata kontestwalment mal-Avviz tal-kawza ghan-notifika tal-assigurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mit-23 ta' Settembru 2003.

Ra illi l-konvenut irrisponda illi l-incident mertu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tieghu u rriserva li jeccepixxi dwar il-quantum mitlub mis-socjeta' attrici hekk kif l-ircevuti relattivi jkunu disponibbli.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi PS 1133 Joseph Borg ikkonferma illi kien ircieva rapport li sehh incident stradali fit-3 ta' Marzu 2002 fit-trejqa wara l-knisja ta' Burmarrad San Pawl il-Bahar, Burmarrad bejn il-*motorcycle* LCA 163 misjuq minn Johnnie Wenzu Micallef u l-karozza BOR 057 misjuqa minn Paul Bradley. Ma sarx sketch tal-incident billi l-vetturi kienu tressqu mill-post fejn gara l-incident, izda huwa esebixxa l-okkorrenza li minnha hemm indikat l-istatement taz-zewg sewwieqa.

Il-konvenut iddikjara li kien sejjer lejn Bugibba fil-linja tan-naha tal-lemin fejn f'daqqa wahda vettura numru BOR 057 li kienet ghaddejja fuq in-naha tax-xellug tat-triq daret f'daqqa biex iddur fit-trejqa ta' wara l-knisja lejn il-lemin.

L-attur Paul Bradley iddikjara:

"I was proceeding in Burmarrad Road when I came to turn to the right by the indicator, a motorcycle came from behind and dashed into my right side."

Mill-istess okkorrenza jirrizulta illi fejn gara l-incident it-triq hija *one-way*.

Xehed Joseph Mula li jahdem fil-Claims Department tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-hsarat ammontaw ghal erba' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm454.26c) u maghhom iridu jizdiedu tnax-il lira Maltin (Lm12) rapprezentanti l-ispiza tas-Survey Report. Huwa kkonferma li minn din is-somma l-attur Paul Bradley hallas hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) li jirraprezenta l-*excess*. Ix-xhieda tieghu giet korraborata bid-dokumenti relattivi.

Xehed ukoll il-konvenut li qal illi dakinhar tal-incident huwa kien ghaddej minn Burmarrad bl-intenzjoni li jibqa' sejjer minn Bugibba. Kien hemm hafna traffiku, cjoe kif jiddiskrivih hu bhala *bumper to bumper* u huwa kien qed isuq mutur. Kien qed izomm fuq in-naha tal-lemin tat-traffiku u meta xehed fit-13 ta' Marzu 2003 qal hekk:

"Jiena hrigt ghal fuq il-parti ta' barra tat-traffiku. L-karozzi kienu qieghdin jiccaqilqu bil-mod. Jiena ma kontx qed insuq aktar minn hmistax-il kilometru (15km). Qbizt zewg vetturi.

F'daqqa wahda kien hemm vettura ta' lewn ahmar li kienet fuq ix-xellug tieghi, fit-traffiku. Din il-vettura kienet qieghda tinstaq fl-istess direzzjoni li kont sejjer fiha jiena.

F'hin minnhom meta jiena gejt *parallel* ma' din il-vettura, x-xufier qabad u gibed ghal fuqhi. Fl-ebda hin ma rajt xi ndikazzjoni li x-xufier kien ser jaghmel din il-manuvra."

B'rizultat ta' dan sehh l-incident in kwistjoni.

Meta l-konvenut rega' xehed fit-28 t'Ottubru 2003 in kontro-ezami, huwa ta verzjoni kemm xejn differenti. Huwa kkonferma illi fil-post fejn kien hemm l-incident kien hemm vetturi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Huwa kkonferma wkoll illi t-traffiku kien miexi bil-mod u kien hemm serbut ta' karozzi izda huwa zied ighid illi f'hin

minnhom huwa gie *squeezed out of the traffic* u kellhu ta' bilfors johrog fuq in-naha tal-lemin tat-traffiku u ma setghax jerga' jidhol lura. Huwa ma qalx li kien qed jaqbez vetturi bhalma qal fix-xhieda tieghu precedenti, anzi qal illi hu kien miexi *parallel* mal-vettura misjuqa mill-attur u l-attur f'daqqa wahda ghamel il-manuvra li semma' aktar `il quddiem. Huwa cahad li kien qed jaghmel manuvra ta' surpass tal-vettura tal-attur.

Mill-provi ghalhekk jirrizulta illi l-attur kien qed isuq fi triq principali li kienet *one way* u fil-lokal fejn gara l-incident kienet tippermetti biss li tghaddi karozza wahda, cjoe *single lane* billi kien hemm vetturi pparkjati fuq in-naha ta' gewwa. T-traffiku kien miexi bil-mod hafna u kien hemm serbut ta' karozzi. L-attur kien qed isuq fit-triq principali ta' Burmarrad u kif wasal fejn il-knisja huwa ntenta li jdur lejn il-lemin biex idur mal-knisja u waqt li qed jaghmel din il-manuvra l-*motorcycle* misjuqa mill-konvenut baqghet diehla gol-genb tieghu.

F'dan ir-rigward jinghad illi meta sewwieq ibiddel il-vija tieghu huwa obbligat li qabel ma jaghmel hekk jaccerta ruhhu li jista' jaghmel din il-manuvra minghajr ma jkun ta' xkiel ghat-traffiku li possibilment ikun qed jaghmel xi manuvra ta' *overtaking* jew traffiku li gej mid-direzzjoni opposta.

Fil-post fejn gara l-incident ma kienx mistenni li l-attur jaqsam il-vija tat-traffiku li kien gej fid-direzzjoni opposta stante li kien qed idur mal-knisja. L-anqas ma kien mistenni li xi hadd kien qed jaghmel manuvra ta' *overtaking* propju hemmhekk billi:-

- It-traffiku kien miexi bil-mod hafna.
- Kien hemm serbut karozzi.
- It-triq kienet wiesgha kemm kemm biex tghaddi karozza.
- Bejn il-vettura misjuqa mill-attur u l-bankina ta' barra kien hemm spazju ta' zewg piedi biss.

Illi ghalhekk l-attur kien gustifikat li ma jistenniex traffiku minn warajh u li jaghmel allowance ghalih. Wiehed ma jistenniex li fi spazju hemm restritt xi hadd jintenta manuvra ta’ surpass jew adrittura jipprova jiddeffes f’dan l-ispazju u jimxi parallel.

Illi fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu illi bid-dinamika ta’ kif sehh l-incident, mill-verzjoni li s-sewwieqa taw lill-pulizija li nvestiga l-kaz u partikolarment ix-xhieda li ta l-istess konvenut f’dawn l-atti, il-probabbilta’ hija li l-konvenut kien qed izomm fuq in-naha ta’ barra tas-serbut tat-traffiku u jaqbez il-karozzi ftit ftit. Spazju bejn il-karozzi u l-bankina fuq in-naha ta’ barra kien restritt hafna u billi dan kien restritt probabbilment huwa beda manuvra ta’ surpass tal-vettura tal-attur, izda minhabba l-ispazju restritt ma setghax jespleta din il-manuvra ta’ *overtaking* biex b’hekk gie *parallel* ma’ l-istess vettura. Kien propju f’dan il-mument li l-vettura misjuqa mill-attur daret fuq il-lemin.

Fir-rigward ta’ manuvra ta’ *overtaking* huwa stabbilit billi meta wiehed jaghmel tali manuvra, qabel ma jintentaha ghandu jaccerta ruhu li jista’ jaghmilha minghajr periklu. Kif ighid l-Artikolu 71 tal-Highway Code:

“Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or to others.”

Inoltre jkompli l-istess Highway Code fl-Artikolu 74 li jenfasizza:

“Do not overtake at or when approaching …………………
(ii) A road junction;
(iii) A sharp corner or bend.”

Dawn il-principji gew abbraccati fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet <u>Gasan Insurance Agency Limited nomine et Vs Jacqueline Galea et tal-21 ta’ Gunju 2002 (Citazz 171/96)</u> li kkwotat b’approvazzjoni lil Charlesworth fit-test The Law of Negligence pages 78 – 79 second edition:

"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so ……… a driver should not overtake at a corner or bend ……… or at crossroads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic."

Illi inoltre, huwa principju iehor stabbilit illi f'materja simili, l-piz tal-prova ta' negligenza taqa' fuq is-sewwieq tal-*overtaking vehicle* kif risaput bil-kawza Borg Vs Ciantar deciza fid-9 ta' Novembru 1968.

Illi ghalhekk mill-premess huwa evidenti illi l-konvenut fil-kawza odjerna kien qed jaghmel manuvra ta' *overtaking* u certament ma setghax ghazel post aktar perikoluz milli ghazel. L-ispazju bejn il-vettura li qed jaghmel il-manuvra ta' *overtaking* u l-bankina esterna kien restritt hafna – zewg piedi biss. Kien qieghed biswit *junction to the right* u certament meta beda jintenta din il-manuvra ta' surpass huwa zgur ma kienx cert li jista' jaghmel din il-manuvra minghajr ma johloq periklu ghalih innifsu jew ghall-traffiku iehor. Sewwieq ta' mutur li ma tantx ghandu protezzjoni bhalma jkollu sewwieq ta' karozza, ghandu joqghod ferm aktar attent ghall-periklu possibli u ghalhekk jekk huwa deherlu li l-ispazju kien restritt hafna, c-cirkostanzi f'dan il-kaz partikolari fejn kien hemm serbut tat-traffiku u li t-traffiku kien miexi bil-mod hafna, huwa seta' facilment jieqaf u jistenna spazju bejn il-vetturi u jsuq b'dak il-mod. Certament ma kienx konsiljabbli li jipprova jaghmel il-manuvra ta' surpass fil-mument u fil-post fejn sehh l-incident.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-incident sehh unikament b'rizultat tas-sewqan negligenti, imprudenti u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut. Illi fir-rigward tal-quantum gie verbalizzat mill-konvenut li dawn m'humiex qieghdin jigu kontestati. Illi f'kull kaz, id-danni gew konfermati minn Joseph Mula u mid-dokumenti minnu esebiti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident gara unikament htija u tort tal-konvenut u

konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma t'erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm466.26c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------